**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 255/22 AL

A B

vs

C B

(MR Numru 1213/1991)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tlettax (13) ta' Lulju elf disa mija wiehed u disghin (1991) (Ara Dok A - certifikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla D li twieldet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar elf disa mija tmiejna u disghin (1998), illum hija maggiorenni.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Daniela Mifsud Buhagiar fis-sitta u ghoxrin (26) ta' December tas-sena elfejn u seba' (2007) li gie emendat permezz ta' dokument datat 15 ta' Jannar 2016 (ara Dok B u B1).

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom erbatax (14) il-sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin f'pajjizi differenti.

4. Illi m'hemmx manteniment dovut ghat-tifla f'dan l-istadju stante li it-tifla hija issa maggiorenni, u fir-rigward tal-mara l-esponenti ghadu ihallas manteniment u dan skond l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (ara klawsola 5).

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-partijiet fit-tlettax (13) ta' Lulju elf disa mija wiehed u disghin (1991));

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Gunju 2022;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twiegeb li ma topponix li jinghata d-divorzju purche` li r-rikorrenti jobbliga ruhu li jhallas il-manteniment u l-pagamenti kollha minnu dovuti skont il-kuntratt ta’ separazzjoni datat 26 ta’ Dicembru 2007 kif emendat bil-kuntratt tal-15 ta’ Jannar 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mil-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Dicembru, 2007.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li tiddikjara li r-rikorrenti jibqa` obbligat ihallas il-manteniment u l-pagamenti kollha minnu dovuti skont il-kuntratt ta' separazzjoni datat 26 ta' Dicembru 2007 kif emendat bil-kuntratt tal-15 ta' Jannar 2016, qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.